II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/1436

tal-25 ta' Awwissu 2022

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2022)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2189 ([2]), li taħtar lis-Sur Paulo SOARES bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM RCA mid-9 ta' Diċembru 2019 sat-8 ta' Diċembru 2020.

(3) Fl-24 ta' Novembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1774 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Paulo SOARES bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM RCA mid-9 ta' Diċembru 2020 sat-8 ta' Diċembru 2021.

(4) Fil-25 ta' Novembru 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2099 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sur Paulo SOARES bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM RCA mid-9 ta' Diċembru 2021 sat-8 ta' Awwissu 2022.

(5) Fit-28 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1333 ([5]) li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 u li testendi l-mandat ta' EUAM RCA sad-9 ta' Awwissu 2024.

(6) Fit-8 ta' Awwissu 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM RCA mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2023,

([1]) ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/2189 tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar il-Ħatra tal-Kap tal-Missjoni għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2019) (ĠU L 330, 20.12.2019, p. 51).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1774 tal-24 ta' Novembru 2020 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2020) (ĠU L 398, 27.11.2020, p. 22).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2099 tal-25 ta' Novembru 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2021) (ĠU L 428, 30.11.2021, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1333 tat-28 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 25).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur José Manuel MARQUES DIAS huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2022.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta'Awwissu 2022.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK